MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 79/2009

**Meander Company Limited**

**vs**

**Victor u Carmela konjugi Borg**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici fejn talbet li l-konvenuti jigu kkundannati li prevja kull dikjarazzjoni opportuna, li fi zmien qasir u perentorju illi hekk tordna din l-Onorabbli Qorti, ihallsu s-somma ta’ sitt elef u sitt mitt Euro, u erbgha u tmenin centezmu (€6600.84), rapprezentanti in kwantu ghal tliet elef tmien mija u wiehed Euro u sittin centezmu (€3801.60) prezz ta’ xoghol u materjal provdut lilhom

fuq inkarigu taghhom stess inkluz kumpens ghal permess li nghata lilhom mis-socjeta’ mittenti sabiex isiru x-xogholijiet minn gewwa l-proprjeta’ tal-istess; elf tmien mija u hamsin Euro u erba’ u sittin centezmu (€1852.64) rapprezentanti prezz ta’ appogg dovut minnhom lis-socjeta’ mittenti u in kwantu ghal disa’ mija u sitta u erbghin Euro u sittin centezmu (€946.60) rapprezentanti s-sehem taghhom mill-kostruzzjoni u xogholijiet ta’ rampa li saret fil-parti komuni tal-blokk taghhom, kollox inkluz mill-VAT u kif certifikat minn Perit Arkitett professjonali.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta’ Frar, 2009 u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv.

Rat ir-risposta ta’ Victor u Carmela konjugi Borg fejn eccepew illi:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan stante illi fl-ewwel lok l-esponenti qatt ma ordnat xoghol jew materjal mis-socjeta’ attrici;
2. Illi fit-tieni lok ma hemm ebda dritt ta’ appogg dovut lis-socjeta’ attrici minhabba l-fatt illi l-esponenti ma uzawx il-hajt tas-socjeta’ attrici bil-konsegwenza li ma appoggawx mal-hajt taghhom;
3. Illi fit-tielet lok ir-rampa kienet hemm liema rampa l-esponenti ghandhom access minnu u ma kienx hemm bzonn li jsiru xogholijiet ghax kienet fi kundizzjoni tajba;
4. Illi mhi dovuta ebda dritt ta’ kumpens dwar xi ghoti ta’ permess sabiex saru x-xogholijiet minn gewwa l-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici kemm minhabba l-fatt li ma sarux dawk it-tip ta’ xogholijiet u anke jekk saru qatt ma gie diskuss gie forma ta’ pagament.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. B'kuntatt tas-6 ta' Marzu 1996,[1] is-socjeta attrici kienet bieghet lill-konvenuti garage bl-arja tieghu, mhux ufficjalment indikat bin-numru 15, li kien jinsab f'bitha interna, in-Naxxar, flimkien mal-arja tal-garage adjacenti, mhux ufficjalment indikat bin-numru 16, fl-istess bitha interna.
2. Dan il-garage jigi adjacenti ghar-residenza tal-konvenuti, pero huma jridu jidhlu ghalih min-naha ta' wara tramite drive-in u rampa.[2]
3. Fil-kuntratt tal-akkwist tal-garage, gie pattwit *inter alia* is-segwenti:

*"7. Il-kumpraturi ghandhom id-dritt ta' access ghall-garage minn fuq id-drive-in privata, liema drive-in privata hi accessibbli ghall-imsemmiija triq.*

*8. Il-partijiet jiddikjaraw illi l-istess drive-in m'hi bl-ebda mod qieghda tigi trasferita b'dana l-att u ghalhekk l-istess drive-in sejra tibqa' l-proprjeta esklussiva tal-Kumpanija Venditrici.*

*9. L-istess drive-in ghandha isservi biss ghall-kumpraturi u successuri taghhom bhala access ghall-garage in vendita. … …*

*10.L-ispejjez ghall-manutensjoni u riparazzjoni tal-istess drive-in jithallsu pro rata mill-kompraturi u s-sidien l-ohra tal-garages li jinsabu accessibbli mill-istess drive-in komuni.*

*11. Il-partijiet qieghdin jiftiehmu li l-komptraturi ma jkunux jistghu juzaw l-istess drive-in komuni sabiex jidhlu fuq propjeta ohra ad eccezzjoni ta' access sekondarju ghar-residenza taghhom, minghajr il-kunsens moghti mill-Kumpanija Venditrici permezz t'att pubbliku."*

4. Fuq dawn il-garaxxijiet ezistenti, is-socjeta attrici bniet zewg sulari kif ukoll penthouse.[3]

---

[1] Ara Dok A a fol. 18 *et seq.* tal-process.
[2] Ara xhieda tal-konvenuta a fol. 50 tal-process.
[3] Ara xhieda tal-Perit Joseph Bondin a fol. 36 tal-process.

5. Fl-istess zmien li s-socjeta' attrici kienet qieghda taghmel dan l-izvilupp, il-konvenuti bnew l-arja fuq il-garage taghhom. Huma bnew kamra li tinfed mad-dar, u hallew ghaxar (10) piedi sabiex jintuzaw bhala bitha.[4]

Fuq dawn il-fatti ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet. Pero' f'dawn il-proceduri, is-socjeta' attrici qieghda tippretendi kumpens minghand il-konvenuti ghal diversi affarijiet u senjatament: ghal diversi servizzi u materjal allegatament ipprestati lill-konvenuti sabiex jibnu l-kamra, talli halliet lill-konvenuti juzaw id-drive-in in konnessjoni max-xogholijiet taghhom, ghall-appogg, u ghar-rifuzjoni tad-danni allegatament ikkagunati mill-konvenuti lir-rampa fid-drive-in. Min-naha taghhom, il-konvenuti qeghdin jinnegaw l-pretensjonijiet kollha tas-socjeta' attrici. Ghaldaqstant, f'din il-kawza hemm zewg verzjonijiet kontrastanti tal-partijiet dwar x'gara waqt li z-zewg partijiet kienu ghaddejin bil-bini tal-izvilupp rispettivi taghhom.

*Il-Verzjoni tas-Socjeta' Attrici*

1. Is-socjeta' attrici qieghda tallega li hi ezegwit is-segwenti xogholijiet ghal konvenuti, u senjatament: it-tqeghid ta' travu sabiex ma jkunx hemm riskju ta' hsarat ghal garage tal-konvenuti u ghalhekk gie ordnat travu, li s-socjeta' attrici tistenna li jigi mhallas mill-konvenuti ;[5] u zewg planki li gew mqatta' u li kellhom jitqeghdu permezz ta' forklifter minn White Bros.[6]

2. Hija tallega wkoll li kien hemm qbil mal-konvenuti illi jhallsu lis-socjeta' attrici bhala kumpens s-somma ta' LM 1000 talli juzaw id-drive-in ghall-bini tal-kamra taghhom, stante li l-konvenuti oggezzjonaw li s-socjeta' attrici tuza tower crane biex tibni, u minhabba l-fatt li d-drive-in setghet biss tintuza minn karozzi privati[7]

[4] Ara xhieda tal-konvenuta a fol. 51 tal-process.
[5] Ara l-affidavit ta' Caroline Sammut a fol. 16 tal-process.
[6] Ara l-affidavit ta' Caroline Sammut a fol. 16 tal-process.
[7] Ara l-affidavit ta' Caroline Sammut a fol. 16 tal-process.

3. Is-socjeta’ attrici allegat li waqt li kienu ghaddejin bil-kostruzzjoni, il-konvenuti kienu ghamlu hsara lir-rampa fid-drive-in, li kellha tigi rimpjazzata. Skont il-Perit Joseph Bondin, il-perit tas-socjeta’ attrici, tali hsara giet ikkagunata meta ddahhal crane jew materjal.[8]

4. Il-Perit Shawn Micallef , li jahdem mal-Perit Joseph Bondin,[9] huwa tal-fehma illi l-hajt ta' l-appogg huwa uzat mill-konvenuti la darba qieghed jistrieh ma' propjeta' taghhom.[10]

*__Il-Verzjoni tal-Konvenuti__*

6. Il-konvenuta cahdet li hi u zewgha qatt dahlu fi qbil mas-socjeta' attrici sabiex jithallas xi kumpens[11] ghall-uzu tad-drive-in ghal kostruzzjoni tal-kamra fuq il-garage.

7. Il-konvenuta cahdet illi qatt ghamlet xi hsarat lid-drive-in u r-rampa u cahdet ukoll li qatt uzat xi tavetti, fil-kostruzzjoni li ghamlet.[12]

8. Sabiex is-socjeta’ attrici bniet is-sitt (6) appartamenti kellha tghaddi l-materjal kollu u anke l-ingenji mir-rampa u hija ddemoliet id-dar li eventwalment giet zviluppata f’appartamenti, billi ghaddiet minn fuq il-bjut tal-garages.[13]

9. Il-konvenuti uzaw l-istess persuna li tqabbdet mis-socjeta' attrici sabiex igorr il-materjal, izda ghal kuntrarju ta' x'intqal mis-socjeta' attrici, il-konvenuti jghidu li huma hallsu ghal dan is-servizz.[14] Pero il-Qorti tistqarr li ghalkemm il-konvenuta ezebiet diversi ricevuti, ma setghetx issib ircevuta ghal garr ta’ materjal.

12. Skont il-Perit Falzon il-konvenuti kellhom ihallsu kumpens ta' parti tad-dritt ta' l-appogg, peress li l-konvenuti kienu uzaw parti zghira mill-hajt ta' l-appogg[15] meta l-

[8] Ara x-xhieda in kontro-ezami tal-Perit Joseph Bondin a fol. 36-37 tal-process.
[9] Ara x-xhieda tal-Perit Shawn Micallef a fol. 44 tal-process.
[10] Ara x-xhieda tal-Perit Shawn Micallef a fol. 45 tal-process.
[11] Ara x-xhieda ta' Carmela Borg a fol. 51 tal-process.
[12] Ara x-xhieda ta' Carmela Borg a fol. 51 tal-process.
[13] Ara x-xhieda ta' Carmela Borg a fol. 51 tal-process.
[14] Ara x-xhieda ta' Carmela Borg a fol. 51 tal-process, kif ukoll fol. 55-57 tal-process.
[15] Ara x-xhieda tal-Perit Michael Falzon a fol. 60 tal-process.

konvenuti ghamlu kamra tal-banju zghira ma dana l-hajt.[16] Il-kumpens huwa ta' €34.34.[17] Dan l-ammont gie pacut mal-valur ta' kaxxa ta' arlogg tal-Lira li tiswa madwar LM80, li l-konvenut, li hu mastrudaxxa, hadem ghas-socjeta' attrici u tahula minghajr hlas.[18]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta' attrici qassmet il-pretensjonijiet taghha fi tlett kapijiet:

1. kumpens ghal xoghol u materjal u dritt ta' kumpens tal-uzu tad-*drive-in;*
2. kumpens ghall-appogg ;
3. kumpens ghal kostruzzjoni u xogholijiet fuq ir-rampa.

Din il-Qorti sejra tikkonsidrahom f'din l-ordni.

*Kumpens ghal xoghol u materjal, u dritt ta' kumpens ghall-uzu tad-drive-in*

Is-socjeta' attrici qed tallega li hija kienet ftehmet mal-konvenuti li jhallsuha kumpens ta' LM1000 talli juzaw id-drive-in ghal kostruzzjoni taghhom, u talli l-konvenuti kienu oggezzjonaw li s-socjeta' attrici tuza tower crane sabiex taghmel il-kostruzzjoni taghha.

Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi d-drive-in li twassal ghal garaxxijiet kienet propjeta esklussiva tas-socjeta' attrici. Pero, il-kuntratt tal-akkwist mill-konvenuti tal-garage bl-arja tieghu u bl-arja tal-garage adjacenti jghid hekk :

*« 9. L-istess drive-in ghandha isservi biss ghall-kumpraturi u successuri taghhom bhala access ghall-garage in vendita. … …*

*11. Il-partijiet qieghdin jiftiehmu li l-komptraturi ma jkunux jistghu juzaw l-istess drive-in komuni sabiex jidhlu fuq proprjeta ohra ad eccezzjoni ta' access sekondarju ghar-residenza taghhom, minghajr il-kunsens moghti mill-Kumpanija Venditrici permezz t'att pubbliku."*

[16] Ara x-xhieda in kontro-ezami tal-Perit Michael Falzon a fol. 62 tal-process.
[17] Ara fol. 58 tal-process.
[18] Ara x-xhieda ta' Carmela Borg a fol. 52 tal-process.

Minn dawn il-klawsoli huwa car li l-konvenuti kellhom dritt li juzaw id-drive-in sabiex jaccedu kemm ghal garage taghhom kif ukoll ghar-residenza taghhom. Il-kuntratt ma' jghidx li l-access irid ikun ghal xi skop partikolari. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-konvenuti kellhom kull dritt juzuw id-drive-in sabiex jaccedu ghal-garage u r-residenza taghhom bil-materjal li kellhom bzonn biex jibnu l-arja ta' fuq il-garage taghhom. Kienet is-socjeta' attrici stess li bieghet dan il-garage flimkien ma' l-arja tieghu lill-konvenuti, u l-Qorti ma ghandiex dubbju li s-socjeta' attrici kienet konsapevoli li l-konvenuti xtraw din l-arja sabiex jizviluppawha. Jekk is-socjeta' attrici ma rieditx li l-konvenuti juzaw id-drive-in biex iwasslu materjal tal-kostruzzjoni ghal garage u r-residenza taghhom, dan messha qalitu specifikatament fil-kuntratt tal-akkwist. Inoltre, jekk ghall-grazzja tal-argument biss jigi koncess li s-socjeta' attrici ikkoncediet lill-konvenuti drittijiet aktar milli dawn kellhom fil-kuntratt tal-akkwist taghhom, dan ried isir b'att pubbliku, u dan kif hemm stipulat fl-istess kuntratt tal-akkwist. Ghaldaqstant, it-talba tas-socjeta' attrici ghal kumpens talli uzaw id-drive-in biex jghaddu materjal ta' kostruzzjoni hija legalment infondata.

Fl-affidavit taghha, Caroline Sammut, direttrici tas-socjeta' attrici, tghid li dan il-kumpens kien gie miftiehem ukoll talli l-konvenuti oggezzjonaw li s-socjeta' attrici tuza tower crane.

Min-naha l-ohra, l-konvenuta, fix-xhieda, taghha tinnega bil-qawwa kollha li kien sar tali ftehim.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-Qorti ma ssibx il-verzjoni tas-socjeta' attrici li kien hemm ftehim bejn bejnha u bejn il-konvenuti li dawn ihallsuha LM1000 verosimili.

Fl-affidavit taghha, Caroline Sammut tispjega wkoll kif waqt li z-zewg partijiet kienu qieghdin jaghmlu x-xogholijiet rispettivi taghhom, il-konvenuti kienu jitolbu sabiex juzaw materjal milli kien ikollha s-socjeta' attrici. Skont Caroline Sammut dan sar bi ftehim mal-konvenuta, li jaghmlu l-konteggi ta' kollox fl-ahhar. Is-socjeta' attrici ezebit zewg ircevuti, wahda ta' LM241.68 ghal trasport[19] u t-tieni wahda ta' LM 472 ghal trasport u *handling* ta' *concrete slabs*[20]. Is-socjeta' attrici ezebiet ittra miktuba bl-idejn fejn kien hemm diversi ammonti ghal materjal u xogholijiet li allegatament saru ghal konvenuti minn terzi persuni ngaggati mis-socjeta' attrici. Il-konvenuti mhux qed jikkontestaw li huma uzaw l-istess persuni ingaggati mis-socjeta' attrici, biex iggorrulhom il-materjal, izda l-

[19] Ara Dok B a fol. 22 tal-process.
[20] Ara Dok D a fol. 24-25 ta-process.

konvenuta fix-xhieda taghha tghid li huma hallsu lil din it-terza persuna.[21] Inoltre, il-konvenuti ordnaw il-materjal u x-xoghol minghand socjetajiet ohra, u hallsu ghalihom, u fil-fatt ezebew diversi ircevuti. Il-konvenuta cahdet li qatt ordnat xi materjal jew xoghol minghand is-socjeta' attrici.

Fl-opinjoni tal-Qorti, is-socjeta' attrici ma rnexxiliex tipprova din il-pretensjoni taghha sal-grad rikjest fil-kamp civili. Dan ghaliex l-ircevuti minnha ezebiti, jghajjtu lill-istess socjeta' attrici u ma hemm xejn indikat fihom li x-xoghol sar ghal konvenuti. Ovvjament, ir-rendikont miktub mis-socjeta' attrici stess tal-pretensjonijiet taghha, ma hix prova sufficjenti, li dawn il-pretensjonijiet huma gustifikati.

Is-socjeta' attrici qed tippretendi kumpens ukoll ghat-trasport u tqeghid ta' travu li tqieghed mis-socjeta' attrici fid-drive-in. Dan it-travu sar fuq suggeriment tal-perit tal-konvenuti, sabiex ma ssirx hsara fil-proprjeta tal-konvenuti, minhabba l-izvilupp li kienet qed taghmel is-socjeta' attrici. Il-Perit Michael Falzon, il-perit tal-konvenuti xehed hekk : *« Naghmel referenza ghal dak li huwa mnizzel bhala travu, fil-fatt is-Sinjuri Borg kellhom dubju dwar jekk is-saqaf tal-garage setax jiflah ghall-izvilupp li kien ser isir fuqu, hawn hekk qed nirreferi mhux ghas-saqaf, izda ghal blata, xi hadd tkellem mas-socjeta' attrici, jiena fil-fatt kont tajt parir li kien dejjem rakkomandabbli li jsir dan it-travu ghal kull buon fini avolja f'dan il-kaz ir-responsabbilita kienet tal-Perit tas-socjeta' attrici. Fil-fatt dan it-travu kien sar mhux ghax kellhom bzonnu s-Sinjuri Borg izda minhabba l-izvilupp li kien qed isir mis-socjeta' attrici. »*[22] Dan juri li s-socjeta' attrici qablet mal-parir tal-Perit Falzon li taghmel dan it-travi biex tipprevjeni li issir hsara lill-proprjeta tal-konvenuti, bl-izvilupp li kienet qed taghmel. Kien l-obbligu tas-socjeta' attrici li tara li ma tigi ikkagunata l-ebda hsara fil-propjeta' tal-konvenuti mix-xogholijiet ezegwiti minnha, u konsegwentement, hija ma tistax titlob rifuzjoni tal-flus li nefqet sabiex thares dan l-obbligu.

*Kumpens ghall-Appogg*

Is-socjeta' attrici qed tippretendi wkoll kumpens ghall-appogg, peress l-konvenuti wahhlu l-hbula tal-inxir mal-hajt divizorju mibni mis-socjeta' attrici.[23] Skont il-perit Joseph Bondin, il-valur ta' dan l-appogg huwa ta' €1,852.65.[24] Il-konvenuta Carmela Borg xehdet hekk : *« In rigward il-hbula nghid li*

[21] Ara fol. 55-57 tal-process.
[22] Ara xhieda tal-Perit Michael Falzon a fol. 61 tal-process.
[23] Ara l-affidavit ta' Caroline Sammut a fol. 17 tal-process.
[24] Ara stima tal-Perit Joseph Bondin a fol. 33 tal-process.

*dawn ilhom hemm hamsin sena. Kienu jitwahhlu dejjem mal-hajt antik pero is-socjeta' attrici qaghlet dan il-hajt u bniet dan l-appogg. … … L-appogg originali kien tmien filati'*[25] Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta, anzi hija korroborata bix-xhieda tal-Perit Michael Falzon li qal *« Qabel mal-hajt li semmejt qabel ittella' naf li kien hemm hajt sa certu livell. »*[26]

L-Artikolu 424 tal-Kodici Civili jghid is-segwenti : *« Meta ħajt komuni jew dar jinbnew mill-ġdid, jibqgħu jseħħu s-servitujiet attivi jew passivi wkoll kwantu għall-ħajt ġdid jew dar ġdida, basta li dawn is-servitujiet ma jsirux iżjed gravużi, u dan il-bini mill-ġdid isir qabel ma jkun inkiseb il-jedd tal-preskrizzjoni. »* Mir-ritratt ezebit mis-socjeta' attrici bhala Dok E a fol. 26 tal-process, jirrizulta li l-konvenuti wahhlu erba' hbula tal-inxir mal-hajt divizorju. Is-socjeta' attrici ma allegatx li l-konvenuti irrendew is-servitu li kellhom iktar gravuz. Konsegwentement, fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-ebda kumpens ghal appogg m'hu dovut lis-socjeta' attrici, talli l-konvenuti wahhlu l-hbula tal-inxir mal-hajt divizorju.

Huwa vera li fix-xhieda taghha, il-konvenuta ammettiet li l-konvenuti kellhom ihallsu appogg lis-socjeta' attrici u li kienet inkarigat lill-Perit Michael Falzon sabiex jaghmel stima ta' dan l-appogg, li stmah €34.34.[27] Pero, fix-xhieda tieghu il-Perit Michael Falzon jghid li hu ma harigx il-kont tal-appogg fuq il-hajt divizorju muri fir-ritratt ezebit bhala Dok E a fol. 26 tal-process. Fil-fatt huwa jghid hekk : *« Nerga' mmur lura ghar-ritratt a fol. sitta u ghoxrin (26) tal-atti, jiena naqbel fuq dak li hu mnizzel fuq dan ir-ritratt, cioe appogg tas-socjeta' Meander u garage tal-konjugi Borg. Jien pero ma hrigtx il-kont fuq din il-hajt izda fuq hajt ta' wara, il-hajt muri fuq dan ir-ritratt ma giex ikkunsidrat minni. … … Jien fil-fatt b'referenza ghal dak il-kont li ghamilt referenza ghalih fil-bidu tax-xhieda tieghi, kejjilt appogg li huwa tal-kamra tal-banju tal-konvenuti. Dan fil-fatt huwa WC zghir. »*[28]

Apparti l-fatt li l-appogg li ezercitaw l-konvenuti m'huwiex dak pretiz mis-socjeta' attrici f'dawn il-proceduri, skont ix-xhieda mhux kontradetta tal-konvenuta, il-konvenuti pacew l-ammont minnhom dovut ma' arlogg tal-Lira li l-konvenut ta' lis-socjeta' attrici.

---

[25] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Carmela Borg a fol. 69 tal-process.
[26] Ara Xhieda tal-Perit Michael Falzon a fol. 62 tal-process.
[27] Ara stima tal-Perit Michael Falzon a fol. 58 tal-process.
[28] Ara x-xhieda in kontro-ezami tal-Perit Michael Falzon a fol. 62 tal-process.

Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni tal-Qorti, il-konvenuti ma ghandhom jaghtu l-ebda hlas ghal appogg lis-socjeta' attrici.

*Kumpens ghal kostruzzjoni u xogholijiet fuq ir-rampa*

Fit-tielet lok, is-socjeta' attrici qed tippretendi minghand il-konvenuti li jhallsu kwart mill-ispejjez inkorsi minnha sabiex tigi rrangata r-rampa tad-*drive-in* li sofriet hsara kawza tal-materjal jew ingenji tal-kostruzzjoni li l-konvenuti ghaddew minn fuqha.

Ma hux ikkontestat mill-konvenuta Carmela Borg, illi l-konvenuti uzaw l-istess haddiema li gew ingaggati mis-socjeta' attrici, sabiex tinbena l-kamra fuq il-garaxx taghhom, u huwa pacifiku bejn il-partijiet li r-rampa u d-drive-in gew uzati kemm mis-socjeta' attrici u kemm mill-konvenuti sabiex jibnu l-proprjetajiet rispettivi taghhom. Pero filwaqt li l-konvenuti bnew kamra wahda fuq il-garage, is-socjeta' attrici bniet zewg sulari u penthouse.[29]

Fin-nota ta' sottomisjonijiet taghha, is-socjeta' attrici tissottometti li wiehed ma setghax jeskludi illi xi trakk bil-materjal li uzaw l-konvenuti sabiex jibnu l-kamra, ma ikkagunax hsara fir-rampa. Pero, din mhix Qorti tal-eskluzjonijiet jew tal-ipotezijiet, imma Qorti li trid tiddeciedi fuq il-provi li jingiebu quddiemha, u kif inhu ben saput huwa minn jallega li jrid jipprova. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, is-socjeta' attrici ma ppruvatx sal-grad rikjest fil-kamp civili, li l-konvenuti kkontribwew b'xi mod ghal hsara li sofriet ir-rampa.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qed tichad it-talba tas-socjeta' attrici fl-intier taghha, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

[29] Ara xhieda tal-Perit Joseph Bondin a fol. 36 tal-process.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------